MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 32 - Aġġornament

IL-ĦAMIS 2 TA' ĠUNJU 2011 FIS-6.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I PUNTI MILL- MINUTI

i Dwar l-iskema ta' manutnezjoni fuq l-oqsma tal-Bini tal-Gvern is-Sindku nfurmat li L-Perit qed jispezzjoni is-17-il binja u se jagħmel rapport li fih jindika liema huma s-7 flats ta' prijorita biex isiru din is-sena. Is-Sindku qalet li s-CEO ta' l-Awtorita' tad-Djar qed jitlob li mmedjatament il-Kunsill jidentifika l-ewwel 7 blokki. Hija pproponiet li f'każ li r-rapport tal-Perit ma jilħaqx ikun lest din il-Ġimgħa dawn jittellgħu bil-polza. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

ii **Is-Sindku rreferiet għall**-proġett tal-photovoltaic panels. Hija qalet li fil-jiem li ġejjien se jitressaq l-arloġġ tad-dawl eżistenti biex is-sistema tibda' taħdem. Is-Sindku rrappurtat ukoll li l-applikazzjoni lill-Enemalta għall-arloġġ tal-PV għada qed tiġi proċessata.

iii Il-Kunsill ġie nfurmat li għad m'hemm l-ebda risposta dwar il-Bye Laws.

iv Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-Transport Malta approvat żewġ un/loading bays fi Triq A. Rigord. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ġew approvati l-emendi tal-one way system.

iv.i Il-Kunsill approva li jsiru x-xogħlijiet neċessarji in konnesjoni mal-approvazzjoni taz-zebra crossing fi Triq il-Prinċipessa Margerita. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkellmet ma uffiċċjal tat-TM dwar il-Pelican Crossing fi Triq A. Rigord. Hija nfurmat li saret sejħa għall-offerti u fil-ġimgħat li ġejjien din għandha tiġi nstallata.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## I PUNTI MILL- MINUTI (... ikompli)

**v** Is-Sindku nfurmat li għamlet spezzjoni mal-Perit biex isir rapport dwar l-istat tal-kolonni u l-ħadid li hemm fil-Marina u Fuq ir-Rampa. Hija qalet li hemm diversi li huma ta' periklu u għaldaqstant il-Perit se jagħmel rapport.

vi Is-Sindku ppreżentat il-kwotazzjoni għall-plakka kommemorattiva u l-pedestal. Hija qalet li dan se jinħadem mill-ġebla Maltija tal-qawwi. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

vi.i Il-Kunsill iddiskuta l-kumplament tal-programm ta' Jum Ta' Xbiex u ġew approvati diversi kwotazzjonijiet in konnessjoni ma l-attivitajiet.

vii Il-Kunsill iddiskuta s-servizz ġdid tal-karozzi tal-linja. Fuq proposta tal-Kunsillier F. Roe il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mat-TM dwar dan.

viii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit għamel l-istima tal-ħsara li saret fl-uffiċini minħabba l-leakage tad-drenaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellmet lill-Avukat dwar dan u ġie deċiż li qabel ma titieħed azzjoni legali nindagaw jekk l-insurance tkoprix dawn il-ħsarat.

## II KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

**i** Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ressaq diversi lmenti u suġġerimenti biex tittieħed azzjoni dwarhom.

i.i Il-lista ta' dawn se tiġi mgħoddija permezz ta' email lis-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni meħtieġa.

i.ii Il-Kunsillier E. Muscat ukoll ippreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI (...ikompli)

**iii** Is-Sindku qrat l-ittra tal-Contract Manager A. Portelli dwar is-servizz tal-knis nhar ta' Sibt. Hija nfurmat lill-Kunsill li oriġinarjament dan ma rridx jiċċertifika 3 xhur pagamenti tal-Kuntrattur involut għax qed isostni li t-tifel (il-kennies) mhux jaħdem is-Sibt. Hija qalet li vera li t-tifel ma jirrapurtax għax-xogħol peress li s-servizz tas-Sibt isir mill-Kuntrattur nnifsu.

Hija qalet ili rigward dan il-fatt kemm il-Contract Manger kif wkoll il-Kunsill kienu nfurmati għaliex skeda tal-knis kienet ġiet ċċirkulata lil-kulħadd u fuq din l-iskeda kien hemm qbil mill-partijiet kollha. Is-Sindku qalet li l-Contract Manager jista jwaqqaf biss pagamenti jekk kemm il-darba is-servizz ma jsirx kif suppost u mhux minn jiġi jiknes.

iii.i Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-CM ma kellux għaliex jinvolvi lilha għax dan skond il-Kuntratt tiegħu għandu jagħmel koordinament bejn il-Kuntratturi u l-Kunsill. Hija qrat stqarrija wkoll f'dan ir-rigward.

iii.ii Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir laqgħa mal-CM fis-Seduta li jmiss.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Il-Kunsill ġie nfurmat bil-Management Letter. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Accountant skuża ruħu peress li ma setgħax jattendi pero' ġej f'Seduta oħra.

i.i Hija qalet li r-risposta se ssir mmedjatament peress li hemm żmien stipulat biex din tintbgħat.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

ii Il-Kunsill approva wkoll il-pagament tal-SRF għall-ammont ta' Euro914.55 dwar varjazzjoni fil-prezz tal-fuel għas-sena 2010.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrat blouses għall-uniformi. Dawn ġew approvati mill-Kunsill. Ġie approvat ukoll t-shirts għall-ħaddiema bl-emblema tal-Kunsill.

iv Ġie approvat ukoll ix-xiri ta' sufra għan-notice boards.

**Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00pm. u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju 2011 fit-3.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv